MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2022

Appell Inferjuri Numru 64/2021 LM

**Paul Bugeja (K.I. nru. 227271(M))**
*('l-appellant')*

***vs.***

**L-Awtorità Maltija għat-Turiżmu**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Paul Bugeja (K.I. nru. 227271(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mid-deċiżjoni mogħtija fl-1 ta' Ġunju, 2021, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], mill-Bord tal-Appelli dwar it-Turiżmu [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], li permezz tagħha ddeċieda billi

ċaħad l-appell tiegħu mid-deċiżjoni mogħtija fit-18 ta' Diċembru, 2018 mill-intimata **l-Awtorità tat-Turiżmu** [minn issa 'l quddiem 'l-Awtorità appellata'], u b'hekk ikkonferma tali deċiżjoni, bl-ispejjeż kontrih.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti ta' dan l-appell jirrigwardaw id-deċiżjoni li ttieħdet mill-Awtorità tat-Turiżmu fit-18 ta' Diċembru, 2018 għar-revoka tal-liċenzja tal-appellant bin-numru P/TL/B/104/96, u dan b'effett immedjat *ai termini* tal-para. (d) tar-regolament 18 tal-L.S. 409.08, wara spezzjoni fejn ġie kkonstatat li l-fond magħruf bħala 'Toscanella' ġja 'Tea Time Break', u qabel 'Eye of the Tiger' ġewwa Triq Gużé Muscat Azzopardi, Ħal Qormi, kien qed jintuża għal preparazzjoni ta' pasti u ta' ikel iffriżat.

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellant intavola proċeduri quddiem il-Bord permezz tal-preżentata ta' rikors fl-24 ta' Jannar, 2019 fejn talab lill-imsemmi Bord sabiex jirrevoka d-deċiżjoni tal-Awtorità appellata u minflok jordna li l-liċenzja in kwistjoni tibqa' valida u li tiġġedded kull sena skont il-liġi.

4. L-Awtorità appellata wieġbet billi ssottomettiet li d-deċiżjoni tagħha kienet waħda valida u skont il-liġi. Għaldaqstant sostniet li l-appell kellu jiġi miċħud u d-deċiżjoni tagħha kkonfermata. Eċċepiet li fil-każ odjern l-appellant

ma kienx konformi mar-regolament 16 tar-Regolamenti dwar Stabbilimenti li Jipprovdu l-Ikel.

**Id-Deċiżjoni Appellata**

5. Il-Bord wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*"Konsiderazzjonijiet ta' dan il-Bord:*

*Dwar l-aggravju magħmul mill-appellant Paul Bugeja, dan il-Bord osserva li l-appellant kellu liċenzja sabiex jista' jopera l-fond tiegħu bħala bar, liema attività skont l-Att dwar is-Servizzi tal-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu, Kap 409 tal-Liġijiet ta' Malta huwa kkonsidrat bħala* 'attivita' turistika' *u konsegwentement hi liċenzjabbli taħt l-Awtorità tat-Turiżmu.*

*Il-Bord jagħmel referenza għar-regolament 2 tar-*Regolamenti dwar Stabbilitmenti li jipprovdu l-ikel, *Liġi Sussidjarja 409.15, liema regolament jgħid li:*

> "bar" tfisser stabbiliment li jipprovdi l-ikel aċċessibli għall-pubbliku u li jipprovdi faċilitajiet li toqgħod bil-qiegħda, li jkollu bħala skop primarju l-bejgħ ta' alkoħol u xorb mhux alkoħoliku li jiġi kkunsmat fil-post imma jeskludi l-offerta ta' ikel bi ħlas, skont standards kif jidhru fir-Raba' Skeda;

*Il-Bord jagħmel referenza għar-Regolament 6 tal-Ligi Sussidjarja 409.08:*

(1) Detentur ta' liċenzja għandu javża lill-Awtorità bil-ħsieb tiegħu li jissospendi attivita turistika. Jekk l-għeluq ikun għal żmien iktar minn xahrejn, id-detentur tal-liċenzja jkun jeħtieġ l-approvazzjoni bil-quddiem tal-Awtorità qabel ma jerġa' jibda l-attività.

(2) Meta attività turistika tkun sospiża għal żmien iktar minn sentejn, il-liċenzja għandha tkun irtirata.

*Għalkemm hu ċar li l-appellant kien applika u ħallas il-liċenzja sabiex jista' jopera l-istabbiliment tiegħu bħala bar mis-sena 1996 sas-sena 2018, mill-provi l-appellant kkonferma li dan l-istabbiliment qatt ma ntuża bħala bar. Mill-ispezzjonijiet li saru mill-Awtorità rriżulta li l-appellant naqas milli kien konformi mal l-istandards imposti*

*mir-regolamenti tal-Liġi Sussidjarja 409.15, partikolarment ir-Raba' Skeda, peress li hu qatt ma opera dan il-fond bħala bar imma fond fejn jimmanifatturaw ikel li mhux għall-konsum fuq il-post.*

*L-appellant naqas milli javża lill-Awtorità li l-istabbiliment ma kienx qed jiġi użat bħala bar, liema obbligu kien tal-persuna li ngħatat il-liċenzja, peress li jirriżulta mil-liġi li ġaladarba tingħata liċenzja, din trid tiġi użata immedjatament."*

## L-Appell

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fis-16 ta' Ġunju, 2021 fejn qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex tirrevoka u tħassar id-deċiżjoni appellata, u dan skont kull provvediment li tista' tagħti skont il-ġudizzju għaqli u superjuri tagħha. Jgħid li l-aggravji tiegħu huma s-segwenti: (i) huwa ma kienx qed jikser il-kundizzjonijiet tal-liċenzja tiegħu; u (ii) in-nuqqas ta' tħaddim ta' liċenzja ma kienx ifisser li qed tiġi miksura xi kundizzjoni fil-liċenzja.

7. L-Awtorità appellata laqgħet għall-appell tal-appellant billi qiegħda tissottometti li l-appell odjern għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant, u dan filwaqt li tiġi kkonfermata d-deċiżjoni appellata.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

8. Din il-Qorti issa ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant, u dan fid-dawl tar-risposta ntavolata mill-Awtorità appellata, u tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Bord fis-sentenza appellata.

9. Meta jfisser l-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant jibda billi jiċċita l-para. (d) tar-Regolament 18 tal-L.S. 409.08 li fuqu jissottometti li straħet l-Awtorità appellata id-deċiżjoni tagħha. Isostni li mill-proċess quddiem il-Bord kien irriżulta li huwa ma kienx qed jikser il-kundizzjonijiet tal-liċenzja tiegħu, għaliex minflok instab li din ma kinitx qiegħda tiġi mħaddma. L-appellant jispjega li fil-każ odjern il-fond kien qed jiġi operat b'mod li ma kienx liċenzjabbli mill-Awtorità appellata, u għalhekk huwa ma seta' qatt instab ħati li kiser il-kundizzjonijiet tal-liċenzja tiegħu meta din ma kinitx qiegħda titħaddem. Jikkontendi għalhekk li l-para. (d) tar-regolament 18 ma jistax jintuża sabiex tiġi rtirata l-liċenzja tiegħu. It-tieni aggravju tal-appellant huwa pjuttost viċin tal-ewwel wieħed, għaliex hawn jikkontendi li jekk huwa kien qed jopera l-fond b'mod li dan ma kienx hemm bżonn ta' liċenzja mingħand l-Awtorità appellata u saħansitra lanqas ukoll ma kien regolat minnha, ma jistgħu jittieħdu l-ebda sanzjonijiet kontrih, għaliex il-liċenzja tiegħu ma kinitx qiegħda titħaddem. Għal darb'oħra jikkontendi li n-nuqqas ta' tħaddim ta' liċenzja ma tfissirx li qed tinkiser xi kundizzjoni tagħha.

10. L-Awtorità appellata tisħaq li d-deċiżjoni appellata hija waħda ġusta u timmerita li tiġi kkonfermata, stante li kemm dak li ddeċidiet hija stess u anki dak li ddeċieda l-Bord, kien skont dak li tipprovdi għalih il-liġi. Tgħid li l-appellant saħansitra ma jagħmel riferiment għall-ebda provvediment tal-liġi sabiex isaħħaħ il-pożizzjoni tiegħu, u lanqas iressaq xi argumenti li hi u anki l-Bord kienu għamlu interpretazzjoni ħażina tal-liġi. Iżżid tgħid li l-appell imressaq mill-appellant ma kienx sar fuq punt ta' liġi, kif jirrikjedi s-subartikolu 14(2) tal-Kap. 409, u għalhekk għandu jiġi miċħud mill-ewwel. Dwar il-mertu, l-Awtorità

appellata tkompli tgħid li ma kienx minnu dak allegat mill-appellant li hija ma kinitx indikat il-ksur partikolari li huwa kien wettaq, għaliex fl-ittra tat-18 ta' Diċembru, 2018 hija kienet indikat b'mod ċar li kien hemm ukoll ksur tal-i*standards* mandatorji li jinsabu fir-Raba' Skeda tar-'Regolamenti dwar Stabbilimenti li Jipprovdu l-Ikel' jew L.S. 409.15. B'hekk kien ukoll applikabbli r-Regolament 16 ta' dawk ir-Regolamenti u saħansitra l-para. (d) tar-Regolament 18, fejn hija għandha l-jedd li tirrevoka liċenzja f'każ ta' ksur tal-kundizzjonijiet tagħha. Tirrileva li l-appellant b'mod konvenjenti ma jagħmel riferiment għall-ebda liġi, anki għal dak li jipprovdi għalih ir-Regolament 6 tar-'Regolamenti dwar Attivitajiet Turistiċi (Disposizzjonijiet Ġenerali)' jew L.S. 409.08, f'każ fejn id-detentur ta' liċenzja ma jkunx jixtieq jagħmel użu minnha aktar. Tispjega li dan ir-Regolament fil-fatt kien ġie ċċitat kemm minnha u anki mill-Bord fid-deċiżjoni appellata. Iżda fil-każ odjern l-appellant mhux biss naqas milli jitlob lill-Awtorità appellata sabiex tissospendi l-liċenzja kif legalment obbligat, iżda anki ammetta li huwa kien naqas milli jopera l-fond skont dik il-liċenzja għal perijodu ta' aktar minn sentejn, fejn allura l-Awtorità appellata kienet obbligata skont is-subregolament 6(2) li tirtira l-liċenzja in kwistjoni.

11. Il-Qorti tibda billi tgħid li ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-Awtorità appellata li l-appell odjern ma jittratta l-ebda punt ta' liġi, u fejn tgħid li huwa ċar li saħansitra ma jittrattax il-mertu tad-deċiżjoni appellata. Il-Qorti tagħraf li l-kwistjoni sħiħa li qed tiġi mqanqla hawn mill-appellant hija li huwa bl-ebda mod ma kiser xi kundizzjoni tal-liċenzja tiegħu kif jiddisponi l-para. (d) tar-regolament 18 tal-L.S. 409.08, li jagħti l-jedd lill-Awtorità appellata mbagħad li "*...tissospendi, tħassar, tirtira jew ma ġġedditx dik il-liċenzja għall-ġestjoni ta'*

*attività turistika".* Jikkontendi li ġaladarba huwa kien qed jiġġestixxi mod ieħor il-fond, huwa ma kienx qed jagħmel użu mill-liċenzja u għalhekk bl-ebda mod ma seta' jingħad li huwa kien kiser xi kundizzjoni tagħha.

12. Iżda l-Qorti ma taqbilx ma' dan. Il-liċenzja magħruġa lill-appellant u li kopja tagħha esebixxa huwa stess flimkien mar-rikors tal-appell tiegħu quddiem il-Bord bħala Dok. C, kienet soġġetta għall-kundizzjoni li l-imsemmi appellant *"(b)...abides with the provisions of the laws and regulations of the Malta Tourism Authority, the Malta Resources Authority as well as with other relevant laws and regulations currently in force in Malta".* Iżda l-Qorti tosserva li ma saret l-ebda riżerva fil-każ li l-fond ma kienx qed jintuża għall-iskop indikat f'dik il-liċenzja, u għalhekk l-argument li qed jagħmel l-appellant quddiem din il-Qorti ma jistax ireġi. Il-Qorti tgħid li għalhekk il-Bord kien korrett meta għamel riferiment għad-disposizzjonijiet tal-liġi applikabbli fil-konfront tal-appellant, inklużi r-Regolament 2 tar-'Regolamenti dwar Stabbilimenti li jipprovdu l-Ikel' jew L.S.409.15, u r-Raba' Skeda tal-imsemmija Regolamenti, kif ukoll ir-Regolament 6 tar-'Regolamenti dwar Attivitajiet Turistiċi – Disposizzjonijiet Ġenerali' jew L.S.409.08, għaliex skont l-imsemmija liċenzja huwa kien marbut li jħarishom.

13. Għaldaqstant il-Qorti ssib li l-aggravji tal-appellant mhumiex ġustifikati, u tiċħadhom.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċedura quddiem il-Bord jibqgħu kif indikat fid-deċiżjoni appellata, filwaqt li dawk tal-appell odjern għandhom ikunu wkoll a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**